MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 833/2009

**Margaret Mifsud**
**vs**
**Daniel Briffa**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ mitejn u erbghin ewro (€240) rapprezentanti danni sofferti fuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni MAG-645 proprjeta’ tal-attrici waqt li din l-istess vettura kienet ipparkjata u b’negligenza u traskuragni l-konvenut garrbilha danni fil-mera tal-istess vettura skont stima annessa mat-talba.

Illi dak inhar ta’ l-incident in kwistjoni l-intimat ammetta li huwa kien responsabbli ghad-danni kollha minnu kkagunati u li kien dispost ihallas hamsin ewro (€50) ghas-saldu; Illi l-esponenti ftehmet mal-intimat sabiex ticcekkja l-prezz tal-mera imbghad kellha tikkuntattjah ghal hlas; Illi malli l-esponenti saret taf bl-ammont ta’

danni interpellat lill-intimat sabiex ihallas permezz ta' ittra legali; Illi sussegwentement l-intimat gie notifikat bl-ittra ufficjali sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali u interessi legali.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn irrespinga bil-qawwa kollha illi huwa kien responsabbli ghal hsarat imsemmija ft-talba.

Illi l-istess mertu tat-talba huwa prezentement 'sub judice' quddiem Qorti Struttorja liema proceduri l-intimat dejjem innega dawn l-allegazzjonijiet u pretenzjonijiet.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti nkluzi l-ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti tal-kawza.

Ra u sema' x-xhieda ta' Margaret Mifsud, Nazir el Gadi, William Mifsud, Teresa sive Tessie Mifsud u Daniel Briffa.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza tittratta dwar hsarat ikkagunati fil-mera ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni MAG-645 proprjeta' ta' l-attrici, li fil-mument tal-allegat hsarat il-vettura kienet fil-pussess ta' Nazir El Gadi, zewg l-attrici, izda legalment separati. Il-hsarat fil-mera tax-xellug tal-vettura hawn imsemmija allegatament saru nhar il-15 ta' Frar, 2009 ghal habta tas-saghtejn ta' filghodu waqt li l-istess vettura kienet tinsab ipparkjata faccata tal-knisja ta' Birkirkara f'post li jsejhulu Sant' Antnin.

It-Tribunal jirrileva li l-konvenut semma fl-eccezzjonijiet tieghu li l-istess mertu fit-talba huwa prezentement 'sub judice' quddiem Qorti Struttorja. Dwar dan il-punt it-Tribunal huwa tal-fehma li huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li azzjoni civili u azzjoni kriminali huma separati u distinti minn xulxin u l-ezitu ta' kawza ma titfa' ebda dell

fuq l-andament ta’ kawza ohra. Fil-waqt illi t-Tribunal fehem li l-istess mertu fit-talba huwa prezentement ‘sub judice’ quddiem Qorti Struttorja ssokta jiddeciedi l-azzjoni civili.

Dwar il-mertu, t-Tribunal jirrileva li mill-provi attrici jirrizulta li x-xhud Nazir el Gadi, kien ghadu kemm halla lill-attrici fid-dar ta’ ommha u waqt li kien qieghed jipprova jaqla’ apparat eletroniku mill-vettura hass daqqa fuq ix-xellug tal-vettura u ra li l-mera fuq ix-xellug tal-vettura kienet imkissra u kienet imdendla. Dak il-hin ra lill-konvenut ghaddej fin-nizla fuq rota b’velocita’ qawwija. Rah jaghti daqqa ta’ sieq lill-vettura ta’ quddiemu sabiex inaqqas il-velocita’. Fil-pront El Gadi mar isegwi din ir-rota bil-vettura u sabu hdejn il-bandli ta’ Birkirkara. Dak il-hin stess l-konvenut ammetta lil El Gadi li kien mess il-vettura, li kien xurban u ghaldaqstant skuza ruhu u offra li jhallsu hamsin ewro ghad-danni kagunati fil-mera. Dak il-hin stess ha lill-konvenut id-dar tal-attrici u l-genituri taghha fejn offra lill-attrici hamsin ewro ghad-danni, liema offerta giet irrifjutata mill-attrici stante li xtaqet taghmel xi verifiki dwar kemm tiswa l-mera imkissra. Irrizulta mix-xhieda tal-attrici u l-genituri taghha li El Gadi kien mar ghandhom flimkien mall-konvenut fejn huwa kien offra hamsin ewro ghad-danni izda l-attrici irrifjutat din is-somma peress illi riedet tivverifika kemm kienu effettivament l-ispejjez ta’ din il-mera. Kemm l-attrici, kif ukoll missier u omm l-attrici, jkkonfermaw li l-konvenut kien ingieb minn El Gadi wara l-bieb taghhom fil-lejl ta’ bejn l-14 u l-15 ta’ Frar, 2009 fejn il-konvenut kien offra hamsin ewro ghad-danni allegatament kagunati minnu. Raw ukoll illi El Gadi kellu d-demm fuq wiccu. Gie kkonfermat mix-xhieda tal-attrici li l-konvenut dak il-hin kien tahom indirizz b’iehor tant illi meta fittxewh inizjalment dawn ma sabuhx fl-indiriz moghti minnu. Kien biss wara li bdiet l-investigazzjoni mill-Pulizija li saru jafu bl-indirizz tal-konvent u li rrizulta li kien joqghod warajhom.

Jirrizulta mill-provi tal-konvenut li huwa qatt ma laqat il-mera tal-vettura appartenenti lill-attrici. Qal illi dak inhar huwa kien qieghed Tony’s Bar u kien dam hemmhekk sa xi l-hdax u nofs tal-lejl tal-14 ta’ Frar, 2009. Qal illi dak

inhar kien mar s'ghand 'Tonys Bar' bil-vettura u wara li telaq mill-'bar' saq bil-vettura sa wara l-bieb tad-dar tieghu. Hu 'nnega li qatt mar id-dar ta' l-attrici u li qatt offra hamsin ewro ghad-danni u li fil-fehma tieghu l-erba' minn nies hadu gurament falz. Qal li huwa ma kisser ebda mera ta' vettura dak il-lejl u li ma kellu x'jaqsam xejn mall-kaz mertu ta' din il-kawza.

Illi wara li sema' u evalwa l-provi li ngabu quddiemu, t-Tribunal jirrilleva li x-xhieda tal-partijiet huma djametrikament kontrastanti. Izda t-Tribunal huwa tal-fehma li wara li ghartbel il-provi quddiemu huwa konvint li x-xhieda migjuba mill-attrici huma lkoll tenibbli u m'ghandhux ghalfejn ma jemminx erba' persuni li lkoll konsistentement u kjarament qalu li fil-lejl tal-15 ta' Frar, 2009 El Gadi kien jinsab akkumpanjat mill-konvenut wara l-bieb tal-familja Mifsud u li El Gadi sahansitra kellu d-demm fuq wiccu u li l-konvenut offra s-somma ta' hamsin ewro ghas-saldu tad-danni kawzati minnu fil-mera tal-vettura MAG-645.

It-Tribunal fic-cirkostanzi tal-kaz m'ghandux dubju dwar il-kredibilita' tax-xhieda attrici u huwa ghalhekk sodisfatt illi l-attrici ppruvat il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal. Minn banda l-ohra it-Tribunal m'huwiex konvint mill-provi tal-konvenut u jsib illi l-konvenut naqas milli jgib provi in sostenn ta' dak kollu li gie allegat minnu. In konkluzjoni, id-difiza tal-konvenut hija wahda dghajfa li ma timmeritax akkoljiment.

In konkluzjoni t-Tribunal huwa konvint illi l-konvenut huwa l-bniedem responsabbli ghal hsarat li sehhew fil-mera tax-xellug li tinsab fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MAG-645 appartenenti lill-attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici fis-somma ta' mitejn u erbghin ewro (€240) bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez ta' din l-istanza a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------